**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tletin (30)**

**23 ta' April 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**30.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**30.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Viċi Sindku kien assenti għal-laqgħa.

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 28 u 29(Laqgħa Pubblika) u Skeda ta' Pagamenti 4;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 28 u 29 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 4 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dr. Kevin Cutajar talab kjarifika dwar xi pagamenti li ġew imwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**30.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Din il-Ġimgħa ingħatajna l-proġett li applikajna għalih minn Pjazza ghal Pjazza. Konna l-uniku kunsill f'Ghawdex li ntgħażel. L-attivita' se ssir fil-25ta' Lulju.
- Proġett tal-Qaċċa – wara li tlestew iż-żewġ proġetti mill-MGP, issa jmiss li jitkompla l-proġett ta' Mario Aġius li se jsir f'tal-Qaċċa, fix-Xagħra.

*17.54 – Is-Sindku Victor Curmi ssospenda l-laqgħa sabiex nilqgħu lill-Perit Edward Scerri tal-Kunsill.*

*18.32 – Il-laqgħa tkompliet*

- Punti li ħarġu mil-laqgħa ta' mal-Perit Edward Scerri fejn tah update dwar diversi proġetti.
- Il-Playingfield – Id-dokumenti mitluba ġew sottomessi lill-Project Green flimkien mal-kjarifikazzjonijiet mitluba, żdiedu xi railings mal-water feature kif ukoll ġie inkluż il-belveder fit-triq li tagħti għall-grownd;
- Tah update dwar l-BOQ għal open space ta' ħdejn il-Mitħna – Stima ta' €92,073;
- Se jkun qed jipprepara Traffic Management għal Triq Ġorf u Triq Mannar;
- Ġew identifikati l-linji sofor fi Triq Marsalforn fejn ħafna minnhom diġà huma eżistenti u oħrajn jinsabu quddiem residenzi.
- Spjegazzjoni mill-Perit Edward Scerri dwar it-talba oriġinali tal-Kunsill jiġifieri li sew Triq 28ta' April kif ukoll Triq San Ġużepp isiru f'direzzjoni lejn Pjazza Sant Anton. Il-Perit Edward Scerri spjega li din ma kinitx aċċettata min TM u jrid ikollok blokka li tiġi ċirkulari.

- Resurfacing ta' Triq Masri u Għajn Qamar huma kompluti u issa baqa Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja u parti minn Triq it-Tiġrija.

- Progett tac-CCTV miexi – fil-qrib li nkunu lesti. Baqa problema waħda li hemm fiż-żona tan-Nazzarenu. Il-Kunsilliera Leanne Micallef tkellmet ma Fr. Joe pero' skont hu minn mal-propjeta' tagħhom mhux se jkun jista jġib il-pjazza kollha u għalhekk qed jissuġġerixxi li jeħel ma ta' Abraham. Is-Sindku Victor Curmi issuggerixxa li jeħel fejn suppost jeħel għax ma jistax jitwaqqaf il-proġett. Qed jissuġġerrixxi li jeħel fejn hu propost u ssir dikjarazzjoni li jekk l-permess tiegħu jkun ser jiġi żviluppat jitneħħa. Huwa ppropona li nimxu għal vot ħa tigi deċiza.
- *18.35 – Il-Kunsilliera Leanne Micallef u Dr.Francienne Muscat ħarġu mill-kamra, u s-Sindku ssospenda l-laqgħa.*

- *18.45 – Il-Kunsilliera daħlu lura fil-kamra u s-Sindku Victor Curmi talab li mmorru għal vot.*
  Is-Sindku ressaq mozzjoni li ġiet sekondata mill-Kunsillier Christian Zammit -

  *Il-proġett se jkompli fejn hu qiegħed u jekk wara li jibda jirriżulta li l-arblu se jkun ta xkiel ma jsib l-ebda diffikulta' li mmexxu l-arblu skont kif jgħidulna l-esperti, kif ikun il-każ.*

  Il-Kunsillier Dr. Cutajar staqsa għaliex il-Kunsill ma jistenniex aktar pero' s-Sindku Victor Curmi nfurmah li l-proġett ma jistax jeħel fuq kull ħaġa.
- 3 voti favur – Sindku Victor Curmi, Dr. Christian Zammit u Marion Portelli.
- 2 kontra – Dr. Kevin Cutajar u Leanne Micallef
- Dr. Francienne Muscat - Astjeniet
- Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar stqarr li – *'filwaqt li jifhem li l-proġett irid isir, fid-dawl tal-fatt li l-Kunsilliera Leanne li tkellmet mas-sid ta' propjeta oħra fin-Nazzarenu ħass li stajna tajna ftit żmien ieħor sabiex nesploraw jekk din l-alternattiva' li qed issemmi Leanne Micallef hix fattibli u għalhekk inħoss li għandi nivvota kontra.'*
- Is-Sindku Victor Curmi wieġeb illi din il-materja kien ilha tiġi diskussa matul dawn l-aħħar tlett laqgħat u sfortunatament ir-risposta baqgħat ma waslet qatt. Għalhekk id-deċizzjoni riedet tittieħed.
- Proġett ta Resurfacing – ma kienx hemm tibdil – l-ewwel triq għandha tkun Triq Ġnien Imrik
- Proġett Calypso – Bgħattna tfakkira lid-DG – Dr. Francienne Muscat talbet kopja ta' din l-imejl.
- Phone box – għadna bla risposta.
- Proġett tad-dwal tal-Pjazza – Ma hemmx żviluppi.

- L-problema ta Joseph Refalo – Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li ltaqa fuq il-post mal-Perit Josmar u r-resident fejn tkellimna flimkien dwar x'jista jsir. Il-Perit Josmar issuġġerixxa li jsiru katusi biex jilqgħu l-ilma u se jtina stima tax-xogħlijiet. Din l-istima tiġi ppreżentata lill-Kunsill.
- Upgrade ta' Triq Ġorġ Ċini – Il-Perit Johan tkellem mal-WSC u qed nistennew tweġiba dwar jekk hemmx bżonn li jinbidlu s-servizzi.
- Proġett ta' Karkar – għadna nistennew risposti- konna tkellimna biex nagħmluha bic-cement u l-istess residenti urew it-tħassib ta' lejn fejn se jaqleb l-ilma. It-triq trid issir kollha min naħa tl-MGP.
- World cup programm– Intrebaħ minn Għajnsielem u allura mhux se jkun qed isir fix-Xagħra.
- BCRS – ircivejna tweġiba mil-lands fejn ikkonfermaw li ż-żona hija art tal-gvern. L-pass li jmiss hu li rridu mmexxu bl-akkwist mil-Lands. Wara nitolbu l-permess tal-Enemalta, ERA u TM sabiex issir ir-rilokazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.
- Ċentru Ċiviku – Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li sfortunatament l-proġett għadu wieqaf. Spjega li l-Insurance ma tħallsitx minħabba li l-Kunsill qatt ma ġie notifikat biha u l-Perit Leonard Spiteri qabżitlu. Il-Kunsillier Kevin Cutajar talab li jiġi skużat jekk se ssir diskussjoni dwar il-Perit Spiteri. Is-Sindku Victor Curmi qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv nżammet laqgħa mal-Perit Spiteri fejn inġibdet l-attenzjoni għal dawn in-nuqqasijiet. Is-Sindku informa lill-membri li trid issir ukoll ic-*Change of applicant* għaliex preżentament l-permess qiegħed fuq l-Viċi Sindku Aaron Aġuis u għandha ssir fuq is-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fig festival – Se jsir meeting mal-Organizzatur l-Ġimgħa d-dieħla u se jsir kollox kif diġa maqbul fil-laqgħat preċedenti.
- Minn din il-ġimgħa beda jkollna servizz tal-knis, sweeper mechanised fit-toroq li tiddereġihom is-Seg. Eżekuttiv.
- Pjazza- għeluq – ssuġġerixxa li tingħalaq mil-4 ta' Lulju wara t-20.30 sal-00.00. Nibdew xahar ta' Lulju u nerġgħu niddiskutu xahar ta' Lulju. Tal-linja titħalla tgħaddi.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef dwar:</u>**

- First Aid course – tkellmet ma Mark – numru ta nies sa 20- sessions 3. Taghmel poster. Bhala post isir fil-muzew tas-subien. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fakkret biex isiru t-toqob tal-bandalori
- Talbet għal-lista tal-għaqdiet li ser jingħataw tifkira f'Jum ix-Xagħra – Ingħatat kopja mis-SE.

- Staqsiet jekk saritx l-objection dwar il-PA ta' Karkanja tan-Nazzarenu – L-objection saret.
- Staqsiet għal-update dwar Triq Karkar – Update ingħata mis-Sindku aktar il-fuq.
- Ressqet ilment dwar periklu fil-playingfield- dwar jekk tistax issir barrier jew bush. Is-Sindku semma li jidher li dak hu passaġġ li tħallha miftuħ apposta u jwasslek ghal bankina. Se jieħu ħsieb li jiċċekja dwaru.
- Fakkret f'tabella ta' Triq San Marzjan li għandha bżonn tinbidel.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli:**

- Staqsiet għal update dwar l-ispazji għall-istabillimenti fil-Pjazza, jekk sirniex nafu min jieħu ħsiebhom. Is-SE infurmata li ma rċevitx korrispondenza aktar għajr dik li preżentat fl-aħħar laqgħa.
- Staqsiet ukoll dwar żvilupp fuq ir-roundabout li kellha ssir x'ħin titla minn ta' Frenċ – Is-Se infurmata li dawn ġew approvati minn TM u ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-Kunsilliera Marion Portelli għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 30.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- BCRS
- CCTV camera
- Traffic Management – Triq 28ta'April 1688

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat dwar:**

- Tat update dwar il-Clean Up li nżammet fil-15ta' April, mill-istudenti tar-raba' u s-sitt sena – Kienet suċċess- telgħa post fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill.
- Ħsara fi Triq Ġnien Imrik – Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li għadna nistennew risposta mill-Perit Godwin Sultana.
- Talbet għal update dwar id-Daħla tax-Xagħra – Is-Sindku wieġeb li qed nistennew id-DNO għal Merħba Xagħra.
- Talbet għal update dwar ix-xogħolijiet u timeframes fi Triq Rabat/Marsalforn – Kien hemm qbil li jintalbu lill-MGP.
- Risposta dwar it-Talba ghal-Laqgha ma' MGP magħmulha xhur ilu – Għadna nistennew data, intbgħatet reminder.

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 30.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Triq Karkar
- Toroq li qed isiru minn EneMalta

- Telephone Box
- Wires u trinek fil-pjazza
- Centru Ċiviku
- Bandli
- BCRS
- Masterplan ghar-Ramla - timeframes
- Progett Mithna - Gnien u Ċangatturi
- Sqaq in-Nenus u Triq Għonqa
- Triq Pergola - rural funds
- Calypso
- Traffic Managements
- Resurfacing ta' 2km minn MGP
- Xoghlijiet - Joseph Refalo

**30.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti**

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar staqsa għal żvilupp dwar l-speed hump ta' Triq Mannar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li qed nistenna għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Staqsa wkoll dwar id-disabled parkings tar-Ramla – Is-Sindku infurmah li dawk se jkunu parti mill-Masterplan tar-Ramla.

**30.6 Għeluq tal-Pjazza Vitorja matul ix-xhur tas-Sajf**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjoni ta'Transport Malta għas-servizz tal-uffiċċjali. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li għalissa nibdew bl-għeluq tal-Pjazza s-Sibtijiet ta' matul ix-xahar ta' Lulju. Kien hemm qbil li l-Pjazza tingħalaq għat-traffiku kull nhar ta' Sibt bejn l-4ta' Lulju u t-30ta' Lulju bejn it-20.30 u 00.00.

**30.7 Skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali SPI.SCI.02.2026 u SPI. SCI.03.26**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskemi msemmija. Kien hemm qbil sabiex napplikaw għal

- Skema SPI.SCI.02.2026 sabiex tittella l-attivita' Clean Up billi jsir tindif ta' żewġ Belveders fi Triq Gajdoru. L-Attivita' tittella nhar is-26ta' Settembru 2026. Għalhekk fuq proponiment tas-Sindku Victor Curmi li ġiet sekondata mill-Kunsillier Christian Zammit, ġiet approvata r-riżoluzzjoni numru 04/2026 sabiex tiġi sottomessa tali applikazzjoni.

- Skema SPI.SCI.03.2026 – Is-Sindku Victor Curmi ppropona li din is-sena ssir attivita' tal-Milied differenti u ssuġġerixxa li tittella' attività' li fiha ninvolvu ħafna lit-tfal bħal ma huma kunċerti u żfin tat-tfal. Kien hemm qbil ma dan u din l-attivita' għandha ssir nhar is-Sibt, 12ta' Diċembru 2026 mill-16.00 l-quddiem.

Ġiet diskussa wkoll Skema SPI/SCI/06/2026 – Il-Kunsillier Kevin Cutajar staqsa jekk is-suġġeriment tiegħu li kien għaddih lill-membri b'imejl hemmx qbil fuqhu. Hu spjega li jixtieq li l-bankini fix-Xagħra jsiru aktar aċċessibbli u allura jsir proġett pilota u nirranġaw ftit il-bankini. Is-Sindku Victor Curmi ppropona li jsir landscaping f'żona tal-Kunsill f'parti minn Triq Sruġ, l-Belveder fejn kienu tal-boċċi. Il-Kunsilliera Francienne Muscat semmiet li nistgħu nsibu fondi oħra biex isir il-Belveder u fakkret li l-Ministru għal Għawdex kien talab lill-Kunsilli sabiex jidentifikaw żoni fejn jistgħu jsiru Belvedere min naħa tiegħu. Ġie deċiż li din l-iskema terġa titla fuq l-aġenda li jmiss. Il-Kunsilliera Dr. Muscat talbet li nitolbu l-Perit Edward Scerri sabiex jgħidilna kemm jiġi jiswa studju tal-bankini.

**30.8 Traffic Management – Triq 28ta' April 1688**

Is-Sindku Victor Curmi qal li l-Perit Edward Scerri spjega aktar kmieni f'din il-laqgħa u Transport Malta bagħtulna l-approvazzjoni tagħhom bil-miktub u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi. Il-Kunsilliera Leanne Micallef ssuġġeriet li niltaqgħu ma Transport Malta filwaqt li s-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li nimxu għal vot. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit issuġġerixxa li din il-materja tiġi deċiża llum għaliex il-Kunsill ilu sitt xhur għaddej fuqha. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat qalet li l-Kunsill għandu jmur għal Plan B kif kien ġie deċiż fil-laqgħa li saret f'Novembru. Is-Sindku Victor Curmi qal li ma kien ebda Plan B. Il-Kunsilliera Muscat kompliet li ma sarx dak li oriġinarjament ġie miftiehem. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar talab għal sospensjoni u s-Sindku Victor Curmi fakkar li hu biss jista jissospendi l-laqgħa u għalhekk is-Sindku ssospenda l-laqgħa għal minuta.

*19.53 Il-laqgħa tkompliet.*

Is-Sindku Victor Curmi ressaq mozzjoni li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Marion Portelli:

Triq 28 ta' April tiġi one way bil-kontra ċioe li minn ġol-Pjazza Vitorja tgħaddi għal Pjazza Sant Anton u minn Pjazza Sant Anton ma tistax tiġi lura għal Pjazza Vitorja.

Dawk favur – 3voti – Dr. Christian Zammit, Marion Portelli u Sindku Victor Curmi.

Dawk kontra – Dr. Kevin Cutajar, Leanne Micallef, Dr. Francienne Muscat.

Dr. Francienne Muscat qalet :

'Qegħdin nopponu għal din il-mozzjoni għaliex nemmnu li b'dan it-tibdil se jkun qed jintefa aktar traffiku għal fuq it-toroq, Triq San Ġużepp u Triq l-Ispira. B'dana li nofs ir-raħal tax-Xagħra u ċioe mill-knisja l-isfel issa se jkun kostrett li jgħaddi minn triq waħda sabiex ikollu aċċess għall-Pjazza, liema triq ma tiflaħx għal daqstant traffiku. Dan ifisser li r-residenti tat-toroq triq Jannar, Triq Liberat Grech, Triq Ġnien Imrik ,

Triq Sruġ, Kortoll, Toroq tal-plots, Triq Għar ta' Xerri, Triq Ġuzeppi Bajada, Triq Sant Anton, Triq 28ta' April se jkollhom kollha juzaw Triq Spira sabiex imorru l-Pjazza. Jiġi mfakkar li din il-proposta tmur kontra il-Masterplan li kien ġie ikkomissjonat mill-Kunsill Lokali fil-leġislatura preċedenti.'

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar stqarr li:

'Qed nivvota kontra din il-mozzjoni għal dak li qalet il-Kunsilliera Francienne Muscat kif ukoll għaliex Transport Malta la qiset biżżejjed u lanqas tidher li fehmet il-proposti alternattivi tal-Kunsill u apparti hekk issa ser tiġi implimentata deżizzjoni kif proposta f'din il-mozzjoni mingħajr konsultazzjoni man-nies u mingħajr ma sar studju.'

Il-mozzjoni għaddiet bil-casting vote tas-Sindku Victor Curmi.

**30.9 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Talba għall-kollaborazzjoni sabiex l-Għaqda Folklor Xagħri jagħtu kontribut f'Barċellona. Qed jitlolbu li nkopru l-ispejjeż tat-trasport lejn l-ajruport. Kien hemm qbil dwar dan.

- Il-kors tal-ikel u ħelu tradizzjonali lokali fix-Xagħra bħala parti mis-sena ta' Gastronomija b'finanzjament mir-Reġjun Għawdex se jsir fix-Xagħra bejn id-9ta' Mejju u 23ta' Mejju.

- Korrispondenza mingħand Melita plc dwar upgrade fil-faċiltajiet u strutturi tal-Melita fil-lokalita' tax-Xagħra. Ġew ippreżentati r-ritratti u l-postijiet ta' fejn huwa proġettat it-tibdil. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.* Dr. Kevin Cutajar iddikjara li mhux se jaċċetta li l-Kunsill jiġi maqbuż. * minħabba li parti mix-xogħolijiet kienu se jkunu fuq il-bankini

- Servizz ta' sweepers mill-MGP fil-lokalita' tax-Xagħra – Irċivejna Skeda u l-isweeper se tkun ix-Xagħra darba fil-ġimgħa.

- Tħabbir tar-riżultat ta' Espressjoni ta' Interess – Minn Pjazza għal Pjazza. Il-Kunsill tax-Xagħra kien wieħed minn 15-il lokalita' magħżula ta' fejn se ssir din l-attivita' fl-edizzjoni ta' din is-sena.

- Skema Bicycle racks mill-GRDA- Korrispondenza li ġiet ċirkulata lill-membri permess ta' imejli dwar postijiet oħra li ntgħażlu. Kien hemm qbil li jsiru fil-postijiet indikati fl-istess imejl.

- Korrispondenza mil-Lands dwar l-applikazzjonijiet tagħna dwar:

Sqaqin fi Vjal it-8ta' Settembru – Dawn huma pubbliċi u għalhekk ġiet sottomessa l-applikazzjoni tagħna lil-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq sabiex dawn jissemmew Sqaq numru 1 u Sqaq numru 2, kif kie ġie maqbul fil-laqgħat preċedenti.

Site fiż-żona tat-Tafla – Konferma li huma propjetà tal-Gvern.

GAGF launch – Measure 2 – 'Youth Enterpreneurship in Gozo – Taking ideas to the Marketplace.' Din il-korrispondenza intbgħatet lill-membri kollha.

-Ittra mingħand żewġ residenti fi Triq il-Ġebla ta' Sansuna fejn qed jitolbu li l-Kunsill jnaqqas mill-parkeġġ fiż-żona.

- follow up għal imejl dwar il-Line Dancing – siegħa kull session – qbil li naraw l-interess li jkun hemm.

- talba għal sinjali sofor fi Triq l-Għejjun – qbil li dawn isiru.

- Oġġezzjoni fuq PA/01721/26 ġiet sottomessa lil PA f'isem il-Kunsill.

- Talba biex jeħlu dog Signs fi Triq Mannar – naraw ma fejn tista teħel.

- Ġiet approvata l-istima tal-Accountant tal-Kunsill sabiex jassisti biex isir il-mapping għac-Chart of Accounts il-ġdida kif mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-istima hija ta' € 1450 plus Vat.   Kien hemm qbil dwar dan.

- Charging Pillars- Ġie diskuss l-post ta' fejn għandha ssir – Pjazza tal-Kortoll.  Sar qbil li dawn ic-charging pillars għandhom jitpoġġew fi Triq Sruġ faċċata ta' fejn joqgħod il-Perit Johan Camilleri.

- Allegrija – kumpanija toffri sensory areas għat-tfal - €40/siegħa.- Qbil li noffru żona fl-attivitajiet tal-Kunsill.

- Ġie ppreżentat r-rapport ta' evalwazzjoni– Tender 01/2026 – Maintenance ta' ġnien fi Triq il-Mitħna – Il-Kunsill irċieva żewġ offerti u r-rapport irrakkomanda l-offerta' ta' 1565 Contracting Ltd għal prezz ta' €14,594 Vat eskluż.

- Dr. Kevin Cutajar informa l-membri li fil-laqgħa ta' mal-Pulizija tal-Kommunita' rġejna ġejna mfakkra biex isir it-tabella 30 (speed) fi Triq 8 ta' Settembru.  Ġie diskuss jekk jistgħux jeħlu fuq il-kurduna tal-bankini pero' s-Sindku Victor Curmi jemmen li dawn jiġu perikolużi u jkun aħjar jekk nieħdu parir fuqhom.  Kien hemm qbil li nistaqsu lil Transport Malta biex jindikaw fejn għandhom jeħlu.

**30.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-21.45pm u ġiet aġġornata għat-~~Tlieta~~ Ħamis, 28 ta' ~~April~~ Mejju 2026 fis-17.30pm.

Konfermati illum 28 ta' Mejju 2026.

**IFFIRMATA**

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**